

Brussell, 12 ta' Marzu 2022  
(OR. fr)

6976/22

---

---

**Fajl Interistituzzjonali:  
2021/0433(CNS)**

---

---

**FISC 62  
ECOFIN 200**

## NOTA

---

minn:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 2)
lil:	Kunsill
Suġġett:	Direttiva dwar l-istabbiliment ta' livell globali minimu ta' tassazzjoni għall-gruppi multinazzjonali fl-Unjoni <i>Approċċ ġenerali</i>

---

## I. INTRODUZZJONI

1. Fit-8 ta' Ottubru 2021, il-Qafas Inklużiv tal-OECD/G20 dwar l-erożjoni tal-bażi tat-taxxa u trasferiment tal-profitti ("il-Qafas Inklużiv") laħaq qbil dwar riforma tar-regoli internazzjonali dwar it-tassazzjoni tal-profitti tal-intrapriżi multinazzjonali. L-Istati Membri kollha tal-UE esprimew l-appoġġ tagħhom għad-Dikjarazzjoni dwar soluzzjoni b'żewġ pilastru biex jiġu indirizzati l-isfidi fiskali li jirriżultaw mid-diġitalizzazzjoni tal-ekonomija. Fil-konklużjonijiet tiegħu tas-27 ta' Novembru 2020, il-Kunsill kien diġà esprima l-appoġġ kontinwu tiegħu għall-ħidma tal-Qafas Inklużiv<sup>1</sup>.

---

<sup>1</sup> Dok. ST 13350/20.

2. It-tassazzjoni minima effettiva (“Pilastru 2” ta’ din ir-riforma) hija bbażata prinċipalment fuq żewġ regoli li għandhom jiġu applikati fil-liġi domestika (“ir-regoli GloBE”) - ir-regola ta' inklużjoni tal-introjtu (IIR) u r-regola dwar il-profitti mhux intaxxati biżżejjed (UTPR) - li għandhom l-għan li jiżguraw li l-profitti magħmula minn gruppi multinazzjonali b'fatturat ta' EUR 750 miljun jew aktar jiġu ntaxxati b'rata effettiva ta' mill-inqas 15 %. Skont id-Dikjarazzjoni ta' Ottubru tal-Qafas Inklużiv, il-Pilastru 2 għandu jiġi traspost fil-liġi fl-2022, biex jidħol fis-seħħ fl-2023, u r-regola tal-UTPR għandha tidħol fis-seħħ fl-2024.
3. Sabiex tiġi żgurata implimentazzjoni tar-regoli GloBE koerenti u kompatibbli mal-liġi tal-UE u abbażi tar-regoli standard adottati mill-Qafas Inklużiv fl-14 ta' Diċembru, fit-22 ta' Diċembru 2021, il-Kummissjoni Ewropea ppreżentat proposta għal Direttiva tal-Kunsill dwar il-livell globali minimu ta' tassazzjoni għall-gruppi multinazzjonali fl-Unjoni Ewropea<sup>2</sup>. Din il-proposta għal Direttiva, li għandha l-għan li tittrasponi l-Pilastru 2 fil-liġi tal-UE, tistabbilixxi r-regoli li abbażi tagħhom l-Istati Membri ser japplikaw taxxa addizzjonali fuq l-introjtu intaxxat baxx ta' entità kostitwenti ta' kwalunkwe grupp, nazzjonali jew multinazzjonali, li jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-riforma.
4. B'mod parallel, il-ħidma fir-rigward tal-implimentazzjoni tar-regoli dwar l-allokazzjoni tad-drittijiet ta' tassazzjoni bejn il-ġurisdizzjonijiet (“il-Pilastru 1”) qed tkompli, f'konformità mal-pjan ta' implimentazzjoni dettaljat approvat mill-Qafas Inklużiv, sabiex tiġi żviluppata konvenzjoni multilaterali (MLC) li ser tkun miftuħa għall-iffirmar minn nofs l-2022, bil-ħsieb ta' implimentazzjoni mill-2023. Waqt il-laqgħa tagħhom tas-17 u t-18 ta' Frar 2022, il-Ministri għall-Finanzi tal-G20 tennew l-impenn tagħhom għal din l-iskeda ta' żmien.

---

<sup>2</sup> Dok. ST 15294/21.

## II. SITWAZZJONI ATTWALI

5. Fit-18 ta' Jannar 2022, il-Kunsill ECOFIN kellu dibattitu ta' orjentazzjoni dwar il-proposta għal Direttiva<sup>3</sup>, sabiex jipprovdi gwida politika għall-eżami tekniku tat-test. Dan id-dibattitu wera li l-Istati Membri kollha jaqblu dwar il-prijorità ta' dan il-fajl fiskali u dwar il-ħtieġa li r-regoli maqbula mill-qafas inklużiv tal-OECD jiġu trasposti fil-liġi tal-UE bl-aktar mod preċiż u malajr kemm jista' jkun.
6. Mill-bidu ta' Jannar 2022, u b'kont meħud tal-gwida tal-ministri, il-Presidenza Franċiża kellha tmien laqgħat tal-Grupp ta' Ħidma dwar Kwistjonijiet ta' Taxxa (tassazzjoni diretta, inkluż żewġ laqgħat ta' livell għoli) iddedikati għall-eżami tekniku tal-proposta għal Direttiva. Dawn il-laqgħat għamluha possibbli li:
- i) jiġu ċċarati r-regoli li jinsabu fid-Direttiva, b'mod partikolari dawk meħtieġa biex tiġi żgurata l-konformità mal-liġi tal-UE tal-Pilastru 2;
  - ii) tiġi allinjata b'mod sinifikanti l-formulazzjoni tat-test ma' dik tar-regoli standard tal-OECD u, fejn xieraq, li jinżammu wħud mill-flessibbiltajiet;
  - iii) jiġu aġġustati jew supplimentati ċerti artikoli bi tweġiba għat-talbiet konverġenti mill-Istati Membri, pereżempju, fir-rigward tat-taxxa kumplimentari domestika (*domestic top-up tax*);
  - iv) jiġu identifikati l-kwistjonijiet ewlenin li jonqos jiġu indirizzati fil-livell politiku sabiex jintlaħaq qbil dwar it-test kollu.
7. Fil-laqgħa tal-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti tad-9 ta' Marzu, il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri diġà setgħu jappoġġaw it-test ta' kompromess tal-Presidenza Franċiża. B'kont meħud tal-kummenti li saru, fit-12 ta' Marzu l-Presidenza ċċirkolat test ta' kompromess ġdid (dokument ST 6975/22).

---

<sup>3</sup> Dok. ST 5015/22.

8. Il-Presidenza hija tal-fehma li l-emendi magħmula jiffurmaw parti minn bilanċ ġenerali aċċettabbli għad-delegazzjonijiet, soġġett għall-kisba ta' kompromess dwar il-kwistjonijiet politiċi spjegati fil-Parti III hawn taħt.

### III. KWISTJONIJIET EWLENIN

9. Id-diskussjonijiet fil-laqgħat tal-Grupp ta' Ħidma dwar Kwistjonijiet ta' Taxxa u fil-laqgħa tal-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti enfasizzaw tliet kwistjonijiet importanti, ta' natura aktar politika, li jeħtieġu diskussjoni f'dan il-livell.

#### a) *Ir-rabta bejn il-Pilastru 2 u l-Pilastru 1*

10. Id-dikjarazzjoni tal-OECD/G20 tat-8 ta' Ottubru 2021 hija bbażata fuq żewġ pilastru separati, b'arranġamenti differenti għall-implimentazzjoni f'konformità mal-pjan ta' implimentazzjoni dettaljat approvat ukoll mill-Qafas Inklużiv. It-talba minn tliet Stati Membri biex jorbtu d-dħul fis-seħħ taż-żewġ pilastru, fejn id-dħul fis-seħħ tal-Pilastru 2 ikun jiddependi fuq id-dħul fis-seħħ tal-konvenzjoni multilaterali li timplimenta l-Pilastru 1, tqajjem diffikultajiet legali kkonfermati mill-Kummissjoni u mis-Servizz Legali tal-Kunsill. Barra minn hekk, din it-talba mhijiex aċċettabbli għall-maġġoranza tal-Istati Membri. Madankollu, kif sar dan l-aħħar mill-G20, l-UE trid tkompli tafferma d-determinazzjoni politika tagħha li tikkonkludi l-ħidma fuq iż-żewġ pilastru skont l-iskeda ta' żmien stabbilita fil-ftehim tat-8 ta' Ottubru 2021.
11. Sabiex tissolva din il-kwistjoni, il-Presidenza tipproponi li l-ftehim dwar il-proposta għal Direttiva jkun akkumpanjat minn dikjarazzjoni tal-Kunsill li tikkonferma l-impenn tal-Istati Membri kollha għall-proċess li għaddej fi ħdan il-Qafas Inklużiv fir-rigward tal-Pilastru 1, f'konformità mal-iskeda ta' żmien għall-implimentazzjoni approvata f'Ottubru 2021 u li tappella lill-Istati partijiet l-oħra biex jirrispettaw dan l-impenn. It-test propost tad-dikjarazzjoni jinsab fl-Anness għal din in-nota.

b) L-iskadenza għat-traspożizzjoni tad-Direttiva u d-dħul fis-seħħ tar-regoli nazzjonali (l-Artikolu 55)

12. L-Istati Membri jaqblu dwar il-ħtieġa li jirrispettaw l-impenn politiku li ħadu meta ngħaqdu mad-Dikjarazzjoni tal-Qafas Inklużiv, li tipprevedi t-traspożizzjoni fil-liġi fl-2022 u implimentazzjoni effettiva qabel tmiem l-2023. Madankollu, diversi Stati Membri jqisu li implimentazzjoni mill-1 ta' Jannar 2023 toħloqilhom diffikultajiet prattiċi jew istituzzjonali sinifikanti.
13. Il-Presidenza tfakkar li l-Istati Membri impenjaw ruħhom li jittrasponu r-regoli tal-Pilastru 2 fil-liġi fl-2022, bil-ħsieb tad-dħul fis-seħħ effettiv fl-2023. Jekk l-ewwel impenn jintlaħaq bl-adozzjoni tad-Direttiva, il-Presidenza tappella għal qbil dwar id-dħul fis-seħħ tal-leġiżlazzjoni nazzjonali li tittrasponi d-Direttiva sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2023, f'konformità mal-Ftehim tal-OECD.

c) Applikazzjoni obbligatorja tar-regola ta' inklużjoni tal-introjtu (l-Artikoli 5 sa 7)

14. B'differenza mid-dikjarazzjoni politika tat-8 ta' Ottubru 2021, il-proposta għal Direttiva tipprevedi l-applikazzjoni obbligatorja mill-Istati Membri tar-regola ta' inklużjoni tal-introjtu. Xi Stati Membri, madankollu, jixtiequ li l-applikazzjoni ta' din ir-regola tkun fakultattiva.
15. Il-maġġoranza l-kbira tal-Istati Membri jqisu li l-implimentazzjoni ta' deroga bħal din fuq bażi permanenti ddgħajjef l-applikazzjoni koordinata tal-Pilastru 2 fis-suq intern u tkun kawża ta' kumplessità għall-intrapriżi.
16. Il-Presidenza tipproponi li deroga tranżitorja, kif inkluża fl-aħħar test ta' kompromess (Artikolu 47a), tista' tibbenefika, fuq għażla, lil dawk l-Istati Membri li fihom huma stabbiliti mhux aktar minn għaxar impriżi omm apikali u li tapplika biss għal perijodu limitat ta' żmien li għandu jiġi diskuss, minn tlieta sa ħames snin.

#### IV. IL-PASSI LI JMISS

17. F'dan il-kuntest, il-Presidenza tipproponi t-test ta' kompromess li jinsab fid-dokument ST 6975/22 bħala bażi għad-diskussjonijiet dwar dan il-fajl, u tappella biex il-kwistjonijiet deskritti fil-Parti III ta' din in-nota jiġu solvuti fi spirtu ta' kompromess.
18. Il-Kunsill huwa għalhekk mistieden biex:
- jiddiskuti l-kwistjonijiet prinċipali li jinsabu fil-Parti III ta' din in-nota;
  - jilħaq approċċ ġenerali dwar din il-proposta leġislattiva, abbażi tat-test ta' kompromess li jidher fid-dokument ST 6975/22, bil-ħsieb tal-adozzjoni tad-Direttiva, soġġett għall-opinjoni tal-Parlament Ewropew u r-reviżjoni tat-test mill-ġuristi lingwisti;
  - japprova d-dikjarazzjoni li għandha tiddaħħal fil-minuti kif tinsab fl-Anness għal din in-nota.
-

## **Anness: abbozz ta' dikjarazzjoni tal-Kunsill**

Il-Kunsill:

JAFFERMA MILL-ĠDID l-impenn tal-UE għad-Dikjarazzjoni dwar soluzzjoni b'żewġ pilastru biex jiġu indirizzati l-isfidi fiskali li jirriżultaw mid-diġitalizzazzjoni tal-ekonomija u l-Pjan ta' Implimentazzjoni tagħha, approvat f'Ottubru 2021, u JISTIEDEN lill-membri kollha tal-Qafas Inklużiv tal-OECD/G20 dwar l-erożjoni tal-bażi tat-taxxa u trasferiment tal-profitti (BEPS) biex jimpenjaw ruħhom għaż-żewġ pilastru;

JINNOTA li mill-2017, l-Unjoni indirizzat l-isfidi fiskali li jirriżultaw mid-diġitalizzazzjoni tal-ekonomija u li l-ħidma kontinwa tagħha kkontribwixxiet għall-ftehim globali dwar is-soluzzjoni b'żewġ pilastru;

JIKKONFERMA l-appoġġ kontinwu tiegħu għall-ħidma mwettqa fil-Qafas Inklużiv tal-OECD/G20 dwar il-BEPS u huwa impenjat bis-sħiħ li jlesti b'suċċess, fiż-żmien miftiehem, il-ħidma li għaddejja fuq l-elementi tal-Pilastru 1, inkluż il-Konvenzjoni Multilaterali, li għandha tkun miftuħa għall-iffirmar f'nofs l-2022, u tidħol fis-seħħ matul l-2023;

JISSOTTOLINJA li l-Kunsill ser jivvaluta mill-ġdid, kif ikun xieraq, is-sitwazzjoni rigward il-Pilastru 1, fil-kuntest tal-ħidma li għaddejja fil-Qafas Inklużiv tal-OECD dwar il-BEPS, bil-ħsieb li tinstab soluzzjoni malajr għall-isfidi fiskali li jirriżultaw mid-diġitalizzazzjoni tal-ekonomija.